MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru 1546/2007

PULIZIJA
SPETTUR MAURICE CURMI
VS
NEVILLE CUTAJAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neville Cutajar, ta’ 40 sena, iben John u Teresa nee’ Agius, imwieled Sliema fit-22 ta’ Jannar 1967, residenti ‘Shilly Shally’, Triq il-Moletta, Swieqi u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 79467(M).

Illi huwa akkuzat talli fid-9 ta’ Ottubru 2007 fil-hanut bl-isem ‘*Movie Mania DVD Rentals’* sitwat 7 Triq Guzeppi Portelli Lija, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li jista’ jqarraq lix-xerrej dwar ix-

xorta tal-merkanzija, jew beght tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe numru ta’ DVDs u DVD *sleeves*, ai termini ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkupja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini ta’ l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.5) u dak ta’ l-imputat (a fol.10);

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat tal-21 ta’ Lulju 2008;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

L-akkuzi odjerni jirrigwardaw ammont ta’ elfejn mija hamsa u disghin (2,195) il-DVD illi huma ‘counterfeit’, misjuba ghand l-imputat, flimkien ma’ DVD ‘cloner’ u hdax (11)-il DVD ‘sleeve’.

Fl-istqarrija ta’ l-imputat, Dok.MC (a fol.11 et seq.) l-imputat ghamel ammissjoni piena ta’ dak li ghamel fejn

iddikjara li huwa kien jahraq kopji ta’ DVDs fuq il-‘cloner’ tieghu minn ‘pirate copies’ ta’ DVDs.

Il-Qorti rat ukoll il-kwerela maghmula minn Dr. Patrick Galea Dok.MC2 a nom ta’ socjetajiet esteri u l-‘power of attorney’ sabiex jirraprezenta l-istess kumpaniji.

Fit-trattazzjoni, d-Difiza gibdet l-attenzjoni tal-Qorti illi l-imputat kellu Fedina Penali pjuttost nadifa hlief ghal xi ksur ta’ regolamenti tat-traffiku.

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 298(1) u 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal multa ta’ Lm4,000 (ekwivalenti ghal 9317.49 €) li ghandhom jithallsu b’rati mensili fuq perijodu ta’ sitt (6) xhur.

In oltre l-Qorti tordna l-konfiska u distruzzjoni ta’ l-oggetti elevati mill-Prosekuzzjoni u cioe elfejn mija hamsa u disghin (2195) DVDs, waqt li tordna l-konfiska ta’ 1 DVD ‘cloner’, 4 bay konsistenti minn 1 ‘master’, 3 ‘burners’, ‘controller’, ‘power supply’ u 4 DVDs kontenenti fihom u hdax (11)-il ‘sleeve’ tad-DVD imsemmija f’Dok. MC1.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, l-eta’ xejn giovanili ta’ l-imputat u **l-kwantita’ kbira ta’ DVDs** ‘non-comliant’ misjuba fil-pussess tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------